MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 410/2003

**Avviz numru 410/03DM**

**Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu Ronald Agius u l-istess Ronald Agius**

**Vs**

**Victor Sladden**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' tlett elef, erba' mija u hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm3,411.50), liema ammont jikkonsisti fi tlett elef u erba' mitt lira Maltin (Lm3,400) bhala danni kkagunati mill-intimat lill-vettura RON-110, u hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50) dovuti bhala *Survey Fee* in

konessjoni ma' l-imsemmi ncident li sofrew il-mitteni – ikkagunati mill-konvenut – in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara f'Horns Works Ditch, Floriana, fis-27 ta' Marzu 2002 meta huwa kien qed isuq il-vettura Nru. EAK –267 u kkaguna incident mal-mutur numru RON – 110, proprjeta' ta' Ronald Agius u misjuqa mill-istess Ronald Agius li kien ghaddej fid-direzzjoni opposta fid-dritt taghha fl-imsemmija triq – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident kien il-konvenut unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Awissu 2003, u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talbiet attrici jirrizultaw gustifikati u jimmeritaw konferma u konsegwentement il-Qorti qieghda tilqa' it-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizzjoni li grat fis-27 ta' Marzu, 2002, f'Horns Works Ditch, Floriana bejn il-vettura EAK-267 misjuqa minnu u l-mutur numru RON-110 misjuq mill-attur Ronald Agius u konsegwentement qieghda tikkundannah sabiex ihallas id-danni kollha rizultanti komplessivament ammontanti ghas-somma ta' tlett elef, erba' mija, hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm3,411.50).

Qed tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont lill-atturi bl-imghaxijiet legali b'effett mill-20 ta' Awissu, 2003.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------